Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 353 / 2018 u 337/2018

Il-Pulizja

(Spettur Trevor Micallef)

(Spettur Nikolai Sant)

Vs

Alaeddin Halbie

Illum 6 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Alaeddin Halbie detenur tal-karta tal-identita Maltija 35069 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel din id-data f' dawn il-gzejjer b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Ikkaguna lil Samah Monsour u Nura Halbie biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuni jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Samah Mansour u Nura Halbie;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Samah Mansour u Nura Halbie;

5. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghall-garanzija ta' Samah Mansour u Nura Halbie u dan ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta' Samah Monsour u Nura Halbie kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghal skop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan skond l-Artikoli 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 15 tal-process, id-dokument, ossia passaport ta' l-imputat markat Dok. "TM" a fol. 20 tal-process u t-tornavit li intuza f' dan l-incident markat Dok. "GV";

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, gew awtorizzati s-segwenti korrezzjonijiet: (i) id-data tal-prezentata ta' l-akkuzi tigi taqra 6 ta' Lulju 2018 minflok 6 ta' Gunju 2018; u (ii) il-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat tigi taqra 35069(A) minflok 148406(L);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' l-imputat in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-parte civile irrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 251 (3), 251 H (a) u (d), 221 (2), 222 (a), 338 (dd) u 339 (e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttennit li astjenit milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra dedotti fil-konfront tieghu, ikkundannat ghal tlett (3) snin prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, partikolarment fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-parte civile li irrinunzjat ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat, qieset li piena karcerarja mhux idoneja f' dan il-kaz u invece hemm lok li t-terminu ta' prigunerija jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' prigunerija ta' tliet (3) snin hawn impost ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b' effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28 A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 23 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska tat-turnavit li ntuza f' dan l-incident u li gie esebit mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "GV".

Ai termini ta' l-Artikolu 412 D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghdet lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mill-llum u dana skond u taht il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f' Digriet dwar Ordni ta' Trattament moghti llum stess, liema Ordni qed jigi anness ma' din is-sentenza u ghandu jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Trattamenti moghti llum kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f' kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet u/jew rekwiziti ta' tali Ordni ta' Trattament. A tenur ta' l-Artikolu 412 D (3) u l-Artikolu 412 C (6) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li dan l-Ordni ta' Trattament ghandu jigi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija li ghandu jiehu l-azzjonijiet kollha necessarji sabiex jizgura l-monitoragg tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluz l-uzu ta' mezzi elettronici skond il-kaz.

Il-Qorti ordnat li din is-sentenza u d-Digriet dwar Ordni ta' Trattament jigu notifikati lid-Direttur ghas-Servizzi ta' Probation.

In fine l-Qorti tohrog fil-konfront ta' l-imputat Obbligazzjoni ghas-Sigurtà ta' Persuna ai termini ta' l-Artikolu 383 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-fini tal-protezzjoni u sigurtà ta' Samah Monsour u Nura Halbie, liema Obbligazzjoni qed isir taht il-kondizzjonijiet u termini stipulati f' Digriet moghti llum stess, liema Digriet qed jigi hawn anness u ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 392 A (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti processwali u kopja ta' din is-sentenza jigu komunikati lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.

Rat ir-rikors ta' Alaeddin Halbie pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Lulju, 2018 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellate fid-dawl tad-difett riskontrat, tiddikjarha ghalhekk nulla u bla effett, u tirrimetti l-atti lura, sabiex l-appellant ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppio esame; alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timpani piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu;**

2. **thassarha u tirrevokaha f' dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-addebitu tar-recidiva; u**

3. **thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena ta' tliet (3) snin prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji ta' l-Avukat Generali huma cari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-proceduri de quo jikkoncernaw kaz car ta' vjolenza domestika, u kwindi prosekwibbli *ex officio* a tenur ta' l-artikolu 543(e) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-proceduri odjerni u wara li l-appellat irregistra ammissjoni ghall-proceduri odjerni, il-parte civile ghan-nom taghha u ta' bintha minuri ddikjarat li kienet qeghdha tirrinunzja ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-istess appellat. Naturalment, dan il-fatt ma affettwax ir-reita' u dana stante li l-appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha, pero' , kif dikjarat mill-Ewwel Onorabbli nnifisha fis-sentenza appellata, dan il-fatt ittiehed in konsiderazzjoni mill-istess Qorti hi u tikkalibra l-piena: "tikkundannah ghal

tlett (3) snin prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, partikolarment fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-parte civile li tirrinunzja ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat, tqis li piena karcerarja mhux idoneja".

Illi b' kull dovut rispett, filwaqt li rinunzja bhal din setghet tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti hi u tikkalibra l-piena, f' dan il-kaz, pero' kien manifestament unsafe and unsatisfactory li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet hekk. Dan ghaliex huwa evidentissimu mill-atti processwali li l-parte civile Samah Mansour hija litteralment imwerwra minn zewgha l-appellat: "His wife still trembling and scared explained that this was not the first time and that herself and their daughter are constantly living a life of fear caused by the husband. She added that many times before he raised his hands on her, however she was always scared that if she reported him to the Police will be much worse for her. Further more she stated that he will surely kill her if we do not stop him". B' kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, aktar u aktar meta l-istess Onorabbli Qorti, ex admissis, wzat ir-rinunzja tal-parte civile bhala r-raguni ewlenija il-ghaliex ma kkundannatx lill-appellat habs effettiv, fl-umli fehema ta' l-esponent l-istess Qorti kellha tisma' lil Samah Mansour u lill-minuri Nura Halbie qabel ma tiehu tali ' rinunzja' in konsiderazzjoni. L-esponent m' ghandux dubbju li tali ' rinunzja' ma kenitx wahda hielsa u genwina izda kienet rizultat ta' biza' kbir li Samah u Nura ghandhom mill-appellat, u kif johrog car daqs il-kristall mill-NPS Report. Tant huwa komuni li vittmi ta' vjolenza domestika jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali ghax ikunu gew imbezza' jew mhedda li l-legislatur innisfu, fil-proviso ghall-artikolu 543(e) tal-Kap IX addirittura pprovda li Qorti ghandu jkollha l-poter li ma taccettax rinunzja f' kazijiet bhal dawn. Issa fil-kaz odjern huwa minnu li r-' rinunzja' ma affettwatx is-sejbien ta' htija, pero' ex admissis affettwat il-piena nflitta, u, senjatament, l-ghoti ta' piena ta' prigunerija sospiza minflok wahda effettiva. F' tali kuntest kien ikun wisq aktar safe and satisfactory li kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti semghet lil Samah Mansour u lill-minuri Nura

Halbie viva-voce u mhux strahet fuq ' messagg' ta' rinunzja li dawn baghtu ma' l-Avukata taghhom!

2. Jirrizulta mill-atti processwali (a fol. 25) li wara li l-appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu – inkluz ghalhekk ir-recidiva – il-prosekuzzjoni "*fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-parte civile*" (!!) irtirat l-addebitu tar-recidiva! B' kull dovut rispett il-prosekuzzjoni ma setghetx legalment u ragjonevolment taghmel dan stante li fl-ewwel lok, gjaladarba l-kaz de quo non si tratta ta' procedura sommarja, semmai kellu jkun l-Avukat Generali li jwaqqa' akkuza jew addebitu u, fit-tieni lok u aktar importanti minn hekk, il-prosekuzzjoni ma setghet qatt legalment u ragjonevolment twaqqa' akkuza jew addebitu wara li l-imputat ikun ammetta ghaliha ! Dana biex ma jintqalx ukoll li l-addebitu twaqqa' fuq kunsiderazzjonijiet manifestament insostenibbli legalment: u cioe' mhux il-ghaliex ir-recidiva ma rrizultatx izda il-ghaliex il-parte civile irrununzjat ghall-azzjoni kriminali!

3. L-ahhar aggravju ta' l-esponent huwa fis-sens li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinghata stante li ma tezistix fil-korp legali nostran. Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jirrizulta b' mod car li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet propensa tikkundanna lill-appellat piena karcerarja efettiva, pero' in vista tar-*'rinunzja'* fuq imsemmija ddecidiet li tikkundannah piena karcerarja sospiza: "*tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, partikolarment fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-parte civile li tirrinunzja ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat, tqis li piena karcerarja mhux idoneja f' dan il-kaz u invece hemm lok li t-terminu ta' prigunerija jigi sospiz a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' prigunerija ta' tliet (3) snin hawn impost ghall-perjodu ta' erba' (4) snin b' effett mid-data ta' din is-sentenza*".

Illi b' kull dovut rispett, l-Artikolu 28 A tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn (2) tista' tigi sospiza. Pieni ta' aktar minn sentejn necessarjament ghandhom ikunu pieni ta' prigunerija effettiva. Issa f' dan il-kaz, l-Ewwel Onorabbli

Qorti deherilha li l-piena adatta kellha tkun wahda ta' tliet (3) snin, liema piena, pero' , ddecidiet li tissospendi stante r-' rinunzja' fuq imsemmija. Dwar il-valur probatorju ta' din ir-' *rinunzja*' , li abbazi taghha l-Qorti ssospendiet il-prigunerija, l-esponent diga' esprima ruhu. Dwar is-sospensjoni *per se*, imbaghad, l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta jeskludi li piena ta' prigunerija ghal tliet (3) snin tista' qatt tigi sospiza. Ghaldaqstant piena karcerarja effettiva hija l-unika piena li ghandha legalment u ragjonevolment tinghata fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant Alaeddin Halbie li jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok l-esponent umilment jirrileva illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla u bla effett stante illi jidher illi bi zvista giet erogata piena mhux permessa mill-ligi ta' sentejn habs meta l-ligi tippremetti ai terminu tal-Artikolu 28A il-perjodu ta' prigunerija li jista' jigi sospiz ma jistax jeccedi s-sentejn prigunerija.

Illi ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara din is-sentenza nulla u sabiex ma jigix ipprivat mill-beneficcju tad-doppio esami tirrimetti l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta).

Illi fit-tieni lok l-esponenti jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tikkunsidra u tordna li jitwaqqfu l-proceduri ai termini tat-tieni proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista' tar-rinunzja cara, inekwivoka u inkondizzjonata tal-parte civile, u kien biss wara li l-Qorti ghamiltha cara li ma kinitx disposta tikkunsidra l-applikazzjoni ta' dan il-proviso, illi l-esponent iddecieda illi jirregistra ammissjoni sabiex jevita illi bintu tkun kostretta tixhed f'dawn il-proceduri:

*543.*

*Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

…

*(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*

*Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l- proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Illi ghaldaqstant l-esponent jitlob inoltre li fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellate u talvolta wkoll tiddikjara nulla joghgobha twaqqaf il-proceduri ai terminu tat-tieni prociso tal-arikolu 543(e) tal-Kap 9 u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, hijta u piena.

Illi fit-tielet lok l-esponent jirrileva illi fil-frattemp wara li inghatat is-sentenza appellata, skont l-artikolu 5 tal-Att Nru. XXXII tal-2018 intitolat Att li jemenda l-Kodici Kriminali, Kap. 9, l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kap. 537 u biex jipprovdi ghal hwejjeg ohra relatati jew ancillary ghalihom, il-piena applikabbli ghar-reat that it-tieni imputazzjoni inbidlet, giet imnaqqsa minn massimu ta' hames snin prigunierijga ghall-massimu ta' sentejn prigunerija. Illi ghaldaqstant sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, il-piena inflitta kemm tenut kont tar-rinunzja tal-parte civile kif ukoll in vista tal-emendi legali dwar riduzzjoni fil-piena massima surreferiti, il-piena erogata hija esagerata fic-cirkostanzi.

Illi ghaldaqstant, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata u minflok tapplika t-tieni proviso tal-Artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn in vista tar-rinunzja tal-parte civile tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena killi minflok timpani piena aktar gusta illi tirrifletti l-fattispeci tal-kaz oltre emendi legali fir-riduzzjoni fil-piena.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u appuntu it-tielet aggravju tal-Avukat General illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ma tezistix fil-korp legali nostan

u dan ghaliex skond l-Artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn (2) tista tigi sospiza . Ghalhekk piena ta' iktar minn sentejn (kif inhu il-kaz odjern) ghandha tkun wahda effettiva. Ma din l-affermazzjoni id-difiza qablet mal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[1] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-ġurisprudenza[2] ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-Pulizija vs. Joseph Attard mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell marament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux*

[1] Deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[2] Vide **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** deciz mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003. , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003 u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi ghalhekk stante li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ma ssibx sostern fis-sistema legali nostrana, din l-Qorti għal dawn il-motivi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u, stante li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-appellant m'għandux jiġi priv mid-doppio esame, tirrimetti l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tittratta l-każ mill-ġdid.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur